FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 9 TA' SETTEMBRU, 1996

Avv Nru.134/96

Frank Borda Ltd.

vs

Godfrey Ebejer u marthu Mary Louise Ebejer

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Marzu, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tlieta u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm23.50), import ta' zewg kambjalijiet li mmaturaw rispettivament fit-8 ta' Dicembru, 1993 u fit-8 ta' Jannar, 1994, u li ma thallsux;

Intalab ukol l-imghax sal-lum;

Ra li l-konvenut debintament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Dr Peter Borg Costanzi li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni huwa dovut;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-attur noe l-ammont ta' Tlieta u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm23.50), kif fuq inghad;

Bl-imghax mit-22 ta' Marzu, 1996;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.